

P8_TA(2016)0242

Eliminazzjoni tal-kummerċ illeċitu fil-prodotti tat-tabakk: protokoll tal-Konvenzjoni Qafas tad-WHO (kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali) ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk għall-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk, meta jkunu kkonċernati d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar l-obbligi relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u mad-definizzjoni ta' reati kriminali (14387/2015 – C8-0119/2016 – 2015/0100(NLE))

(Approvazzjoni)

(2018/C 086/25)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (14387/2015),
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (15044/2013),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 82(1) u l-Artikolu 83, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0119/2016),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-ftehim rigward it-tabakk (il-Ftehim PMI) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0198/2016),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Eurojust u lill-OLAF.

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2016)0082.